**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-21 ta' Gunju, 2019**

**Talba Numru: 172/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 33.**

**J.F. Logistics Limited (C-26650)**
**Vinci Buildings**
**Triq B. Bontadini**
**Birkirkara**
**Vs**
**Trevor Caruana**
**28 Flat 3,**
**Triq Markizi Zimmermann Barbaro,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fit-03 ta' April, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas ta' erbat elef mija u wiehed u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€4,171.66c) bilanc ta' somma akbar, dovuta ghal servizzi logistici li provdiet lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol 18) li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li preliminarjament huwa mhuwiex l-legittimu kontradittur stante li huwa qatt ma kien is-sid tal-istabbiliment 'Sangwicc' ta' 3 Triq Vincenzo Dimech, Floriana u anqas ma kellu l-pussess tal-istabbiliment in kwistjoni fid-dati hekk indikati fl-istatement annessa mal-istess avviz; li minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti qatt ma ta l-kunsens tieghu personali sabiex jigu rezi s-servizzi relativi mis-socjeta' rikorrenti fid-dati hekk indikati fl-istatement anness u ghalhekk m'huwa dovut ebda ammont minnu personali fis-socjeta' attrici.

Ra l-istatement prezentat mis-socjeta' attrici a fol 3 li minnu jirrizulta li s-somma mitluba hija bilanc ta' invoices datati 31 ta' Awwissu, 30 ta' Settembru, 31 ta' Ottubru, 31 ta' Dicembru, u 30 ta' Novembru tas-sena 2014 u 31 ta' Jannar, 28 ta' Frar u 31 ta' Marzu tas-sena 2015 u li minnha jirrizulta wkoll li sal-31 ta' Marzu, 2015 baqghu jsiru l-pagamenti.

A fol 22 l-avukat tal-konvenut iddikjarat li l-konvenut ma kienx jikri l-istabbiliment in kwistjoni fil-perjodi indikati fl-istatement a fol 3 u ma ghandux informazzjoni dwar min ha n-negozju in kwistjoni.

A fol 25 Matthew Formosa fl-affidavit tieghu xehed li huwa wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' attrici li toffri fost servizzi ohra dak ta' logistics services. Li s-socjeta' attrici kienet tforni servizzi lill-Sangwicc billi taghmel deliveries ta' foodstuff. Fil-bidu kien hemm certu Yanni Ellul u waqa' l-kummerc waqa' f'idejn il-konvenut. Huma joffru dan is-servizz ta' deliveries lil Sangwicc in ritorn ghal hlas. Huwa dejjem mal-konvenut kien jikkomunika kemm rigward servizzi u prezzijiet u anke rigward is-servizzi li kienu joffru lil Sangwicc u l-hlasijiet dovuti ghal dawn is-servizzi u pprezenta diversi dokumenti biex jipprova dan. L-accountant tas-socjeta' attrici Kevin Mifsud kien infurmah li Trevor Caruana l-konvenut kien qed ihallas bi flus kontanti u jibghat l-flus mad-delivery drivers taghhom u ghalhekk Kevin Mifsud talab lil Caruana permezz ta' e-mail biex jinfurmah meta huwa jibghat flus mal-haddiema cioe' mad-delivery persons tas-socjeta' attrici. Is-somma dovuta hija bilanc tas-somma li tirrigwarda s-servizz ta'deliveries ta' foodstuff.

A fol 32 fl-affidavit tieghu Kevin Mifsud l-accountant tas-socjeta' attrici jikkonferma dawn id-dokumenti li jghid li l-komunikazzjoni huwa dejjem ghamilha ma' Trevor Caruana

meta kien jibghat l-email fuq l-email Sangwicc u pprezenta kopja ta' dawn id-dokumenti biex jipprova dan.

A fol 67 in kontro-ezami Kevin Mifsud xehed li l-pagamenti kienu jsiru lid-drivers direttament u l-account izommu r-records. Huwa jammetti li l-pagamenti tal-konvenut ma kienetx tiehu hsiebhom persuna wahda fil-kumpanija. Huwa kien informa lil konvenut sabiex kull darba li jibghat il-flus mal-haddiema huwa jibghatlu e-mail biex javzah. Lill-konvenut kienu jibghatulu l-invoices u lista ta' deliveries li saru ma' kull invoice. Huwa pprezenta l-invoices bil-lista ta' deliveries kollha li saru ghal perjodu ta' Jannar, Frar u Marzu, 2015 ta' meta l-konvenut qed jghid li ma kienx involut hu filwaqt li dawk ta' qabel li l-konvenut mhux qed jikkontesta diga gew esebiti. Mitlub jesebixxi kopja tad-delivery notes li ffirma l-konvenut ix-xhud wiegeb li dan ilu erba' snin u jridu jfitxxuhom.

A fol 93 rega xehed Kevin Mifsud li d-delivery notes ma sabuhomx u li ma jistghux juru d-delivery notes li fuqhom gew bazati l-invoices.

A fol 56 Alfred Chircop xehed li huwa kien jahdem mas-socjeta' attrici u xogholu kien li jqasmu xogholijiet u jaghmlu deliveries. Huma kienu jsejhu dan ix-xoghol xoghol ta' logistics. Lil Sangwicc kienu jaghmlulhom xoghol ta' deliveries ta' ikel lil klijenti tal-hanut. Il-hanut kien jiehu hsiebu l-konvenut u dan jafu ghax hu kien jaghti l-istruzzjonijiet u lil konvenut kien dejjem jarah l-hanut. Il-konvenut kien jibghat mieghu pagamenti cash ghal dan is-servizz.

In kontro-ezami (fol 65 overleaf) Alfred Chircop li l-konvenut kien ihallsu cash. Huma kienu jaghmlu deliveries u l-konvenut kien jiffirma karti wkoll.

L-istess xehed Jason Chircop a fol 57 fl-affidavit tieghu li kien ukoll jaghmel xoghol ta' deliveries u li l-konvenut kien kultant zmien jaghti xi flus dovuti lis-socjeta' attrici ghas-servizzi li kienu jaghmlu u dawn il-flus kien jghaddihom lis-superjuri tieghu.

A fol 64 in kontro-ezami Jason Chircop rega kkonferma li huwa kien generalment jiehu l-istruzzjonijiet minghand il-konvenut u mistoqsi jghid dan ifissirx li kien hemm anke

ohrajn Chircop wiegeb li l-konvenut biss kien jaghtih l-istruzzjonijiet u li l-karta tad-deliveries l-konvenut kien jiffmaha u kien jghaddiha lis-socjeta' attrici.

A fol 58 xehed il-konvenut li huwa kellu management agreement mal-hanut Sandwicc u dan kien ghal perjodu minn Jannar, 2013 sa nofs Jannar, 2015 u li meta ha l-hanut ta' qablu kienu juzaw lis-socjeta' attrici u huwa baqa' juzaha taht ismu. Is-servizz kien xoghol ta' deliveries tal-ikel u kien ikun mit-Tnejn sal-Gimgha office hours xi tnejn u tlett darbiet f'gurnata u li fis-sentejn li dam jopera taht Sandwicc huwa bejn ghoxrin u tletin driver tas-socjeta' attrici.

Huwa jispjega ghaliex huwa ma ghandux ihallas l-ammont mitlub – dan ghaliex minn Jannar l-erba' invoices huma fi zmien li huwa kien jahdem f'post iehor full time u ma kienx hu l-owner tal-post. L-isem baqa' bl-istess isem u baqghu juzaw is-servizz taht ismu u l-vat number tieghu sfortunatament. Huwa jghid li min hadu warajh ma trasferixxa xejn f'ismu. Huwa telaq fil-15 ta' Jannar, 2015 u mar jahdem ma' Frank Salt u jghid li warajh kien hemm minghalih Mark Zammit. Huwa jammetti li fil-31 ta' Awwissu, 30 ta' Settembru, 30 ta' Novembru u 31 ta' Dicembru kien jiehu hsieb Sandwicc izda l-ohrajn le ghax huwa kien jahdem full time ma' haddiehor. Huwa jghid li jrid jara l-firem u jekk hemm mill-firem ihallasom. Huwa jrid jara l-firem ta' x'hiex qed ihallas.

Meta muri l-invoices minn fol 45 sa 53 l-konvenut jichad li dawn huma ffirmati minnu. Huwa jammetti li kien signatory f'dak il-perjodu.

In kontro-ezami (fol 94) il-konvenut xehed li huwa ghamel xi xhur li ma kienx jiggestixxi dan il-hanut u x-xhur li kien jiggestih huwa qed 'jikkwescinja' dawn l-invoices. Huwa jghid li meta ma baqghax jahdem hemm is-socjeta' attrici baqghet tinvojsja fuq l-vat number tieghu. Huwa jammetti li l-'method of payment' qatt ma nbidel u li dejjem baqa' l-istess. Huwa jishaq li jara d-'delivery notes' li s-socjeta' attrici qed tghid li huwa ffirma ghalihom specjalment fil-perjodu li huwa ma kienx qed jiggestixxi l-hanut biex jipprova li ma kienx hu li ffirma ghalihom. Mistoqsi minn dan it-Tribunal x'ghamel meta ircieva l-invoices il-konvenut wiegeb xejn u kienu tas-socjeta' attrici li cemplulu ghand Frank Salt fejn kien jahdem biex jaraw kif ser jibqghu u huwa wegibhom li ma kienx ghadu jahdem hemm u mbaghad ircieva l-kawza.

Huwa jghid li kopja tad-'delivery notes' ma kienux jibghatulu. Huma kienu jtellghu total u huwa jaqbel mieghu u kull wahda jiffirma. Kif ta' dawn ix-xhur dawn ma humiex available huwa ma jistax jifhem. Pero' huwa jammetti li gieli nghata kopja tad-delivery notes mal-invoices. Huwa skopra li qed juzaw il-vat number tieghu meta fitxxewh.

Ra l-verbal a fol 92 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li qed jaghlqu l-provi.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidra

Li din hija talba ghal bilanc dovut ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut li kien qed jopera l-hanut bl-isem ta' Sangwicc.

**Mill-invoices esebiti** mis-socjeta' attrici a fol 3 jirrizulta li s-somma mitluba hija bilanc ta' invoices datati 31 ta' Awwissu, 30 ta' Settembru, 31 ta' Ottubru, 31 ta' Dicembru, u 30 ta' Novembru tas-sena 2014 u 31 ta' Jannar , 28 ta' Frar u 31 ta' Marzu tas-sena 2015 u li minnha jirrizulta wkoll li sal-31 ta' Marzu, 2015 baqghu jsiru l-pagamenti.

Fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal il-konvenut jammetti li fil-31 ta' Awwissu, 30 ta' Settembru, 30 ta' Novembru u 31 ta' Dicembru kien jiehu hsieb Sandwicc izda l-ohrajn le ghax huwa kien jahdem full time ma' haddiehor. Huwa jghid li jrid jara l-firem u jekk hemm il-firem ihallasom. Huwa jrid jara l-firem ta' xhiex qed ihallas. Meta muri l-invoices minn fol 45 sa 53 il-konvenut jichad li dawn huma ffirmati minnu izda jammetti li kien signatory f'dak il-perjodu.

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda u wkoll fuq jekk is-socjeta' attrici ppruvatx l-allegazzjonijiet taghha fil-grad rikjest mil-ligi, u allura wkoll fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel fuq id- deposizzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti u d-dokumenti prodotti in sostenn tat-talba attrici.

Illi dwar il-provi li ghandha tressaq is-socjeta' attrici din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Joseph Tonna vs Philip Azzopardi"** (A.I.C. (PS) 12 t'April, 2007) fejn inghad illi:-

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal- ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal- fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill- partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il- gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal- konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r- razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti*

*ta' Revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".*

Gie stabilit ukoll li:

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal- provi quddiemha:*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal- kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il- bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".*"**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu, 2004) .

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- 30 ta' Ottubru 2003:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi huwa f'dan il-kuntest li dan it-Tribunal irid jevalwa l-provi prodotti kollha prodotti f'din il-kawza.

Mill-provi jirrizulta wkoll li s-sistema ta' hlas qatt ma nbidlet; li l-konvenut jinghata l-invoice u lista tad-deliveries li jkun ghamel u l-konvenut jibghat il-hlas cash mal-haddiema tal-kumpanija attrici.

Il-konvenut jichad li huwa kien jaghmel l-ordnijiet hu wara Jannar, 2015 u dan ghax minn dakinhar huwa beda jahdem full time ma' Frank Salt. Mitlub jispjega kif l-invoices baqghu johorgu fuq l-vat number tieghu l-konvenut wiegeb li f'dawn il-proceduri huwa skopra li qed isir dan.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta fol 89 et li f'Jannar, 2015 fit-22 ta' Jannar, 2015 il-konvenut ghamel pagament ta' tlett mitt ewro (€300) kif ukoll li huwa qatt ma talab kopja tad-delivery notes izda rendikont tad-deliveries li saru kif kien normalment isir.

Dwar l-ewwel eccezzjoni li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ghax wara l-ahhar ta' Jannar, 2015 huwa ma baqax jopera dan il-hanut il-konvenut ma kienx jaf min hadu warajh il-hanut u lanqas prova ma gab biex jipprova dan ghajr li huwa kien qed jahdem full time bhala self-employed ma' Frank Salt.

Din it-Tribunal ghalhekk ser jikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika 'prima facie' jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont is-socjeta' attrici, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk it-Tribunal jiddeciedi illi l-konvenut kien gie sewwa citat in kwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll in kwantu dan ikun

involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.

Il-konvenut baqa' ma jridx jizvela min skont hu ha l-hanut warajh wara l-31 ta' Jannar, 2015 u dan meta kien fl-interess tal-konvenut li jindaka li jkun jaf anke minghand is-sid tal-hanut min kienet il-persuna li ha l-hanut warajh izda dan ma ghamlux.

L-eccezzjoni tal-konvenut ghalhekk li hu ma kienx il-legittimu kontradittur ta' l-attur, ma tirrizultax wahda gusta, in kwantu l-fatti kif jirrizultaw fl-ezami kienu pjenament jiggustifikaw il-konkluzzjoni li l-konvenut kellu ghalxiex jirrispondi ghat-talbiet attrici billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruhu fin-negozju li minnu originat l-azzjoni. Id-delivery persons kollha jikkontendu li l-pagamenti dejjem saru mill-konvenut u li d-delivery notes saru mill-konvenut u dan sa Jannar, 2015 huwa korroborat mill-emails esebiti fil-kawza. Minn li statement a fol 3 jirrizulta li pagamenti baqghu isiru akkont kull xahar minn Awwissu, 2014 sal-ahhar ta' Marzu, 2015 liema pagamenti kienu jsiru cash u jintbaghatu mad-delivery persons u li dawn xehdu li l-pagamenti dejjem saru mill-konvenut.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Issa dwar il-mertu cioe' il- kontestazzjoni dwar sa fejn dan kien jitfa' xi responsabilita' fuq il-konvenut, hu propju l-mertu tal-kawza li ser jigi epurat u deciz.

Mix-xhieda prodotti jirrizulta li l-email kienu jintbaghtu lil Sangwicc u mhux indirizzati lil xi persuna partikolari izda min kien jircevi l-emails kien jirrispondi u jibghat il-pagamenti cash mal-haddiema, haga li mhix michuda mill-konvenut li kien huwa li jaghmel dan. Il-haddiema tas-socjeta' attrici li kienu jaghmlu d-deliveries lill-konvenut kollha kkonfermaw li huma dejjem lil konvenut raw fil-hanut anke wara li huwa jallega li telaq fil-31 ta' Jannar, 2015 u l-pagamenti cash huwa kien jghaddih lilhom u huma jghadduhom lill-kumpanija. Ghalkemm il-konvenut jichad li l-firma tal-invoices mhix tieghu ebda prova ghal dan ma gab kif ukoll li kieku verament ma kienx qed jopera l-hanut kien javza lill-kumpanija attrici b'dan minnufih u mhux ihalli li haddiehor skont hu jinqeda bil-vat number tieghu. Veru li kien beda jahdem ma' Frank Salt izda self-employed bhala estate agent u kulhadd jaf li f'dan ix-xoghol wiehed jista dejjem xoghol iehor minhabba li mhux

xoghol ta' wiehed li jkun marbut u maqful f'ufficcju. Kif lanqas jista jittiehed bis-serjeta il-konvenut meta fejn qatt qabel ma ghamel dan biex ihallas issa qed jitlob li jkollu kopja tad-delivery notes li huwa ffirma meta dan kien fl-interess tieghu li jzomm kopja sabiex fl-ahhar jiccekja l-invoices li jintbaghtulu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal wara li evalwa l-provi kollha prodotti, ma jistax jemmen il-verzjoni tal-konvenut u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta pruvata.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef mija u wiehed u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€4,171.66c) bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**